# Pajjiż tal-Qaddisin – eżempji mill-bolli Maltin (4)

*Antoine Vassallo*




## Ġesù Kristu

Ma hux possibbli li nagħti dettalji dwar bolli "Kristoloġiċi" – biss biss hemm tant għall-Milied (mis-sittinijiet). Nillimita ruħi għal din, inkluża f'sett ta' Kommemorazzjonijiet Reliġjużi fl-1988, li fakkret l-erbgħa u għoxrin Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ċelebrat f'pajjiżna fl-1913 – jiġifieri 75 sena qabel. L-artist Frank Portelli rriproduċa l-monument tal-bronż u l-granit mikxuf fl-1917 fil-Furjana, li nafuh bħala Kristu Re, tal-iskultur distint Antonio Sciortino: jirrappreżenta lir-Redentur bħala figura dominanti tal-bronż itwal minn tliet metri, flimkien ma' "Malta" bħala mara għarkupptejha f'att ta' sottomissjoni.




## San Ġorġ Megalomartri

Hekk kienu jissejħu b'sens ta' unur fil-Knisja tal-lvant dawk il-martri ta' żmien il-persekuzzjonijiet li impressjonaw b'mod straordinarju għall-qlubija li urew biex jiddefendu u jixhdu għal twemminhom – u li mill-bidu żviluppat qima speċjali, hekk li anki l-oqbra ħattew biex jakkwistaw ir-relikwi! Fil-fatt il-kelma griega tfisser sempliċement "martri – jew xhud – kbir".

Mhux il-kult ta' kollha għadu b'saħħtu; ta' San Ġorġ "ta' Lidda" (illum Lod fl-Israel iżda ġie li laqqmuha *Georgiopolis*) għadu żgur – f'pajjiżna b'parroċċa f'Malta u oħra f'Għawdex u ismijiet f'bosta nħawi. Iżda ftit nafu fiċ-ċert dwar das-suldat qalbieni li tqabad għall-Fidi Nisranija fil-bidu tal-persekuzzjoni l-kbira. L-istorja tad-dragun, sintendi, tirreferi għall-ġlieda mal-ħażen; anzi l-lanza trid tkun tidher insinifikanti biex jiġi ċċarat iktar li r-rebħa sseħħ biss bil-qawwa tal-Mulej – mhux bil-qawwa umana! Sa mill-medju evu, hu inkluż fost il-Qaddisin Awżiljarji (erbatax, imsejħa fi bżonnijiet partikulari) li għadna nsibu ħjiel tagħhom – speċjalment fl-Ewropa ċentrali.

Il-liturġija Rumana tgħidlu *dominicae passionis imitator* – jiġifieri imitatur tal-passjoni tal-Mulej għax tara fil-martirju glorjuż tiegħu illustrazzjoni tal-misteru tal-Għid. Id-duttur San Pietru Damjani, li jorbot il-festa ta' Georgius (jiġifieri "bidwi" jew "ħaddiem tal-art") mal-ferħ u l-glorja tal-Għid, iħeġġiġna sabiex inħarsu lejn dan is-suldat tal-eżerċtu tas-sema, "mhux biss biex nistagħġbu bih" imma wkoll "biex insiru nixbhuh"; fuq l-eżempju u għat-talb tiegħu, "ma nħallux id-dinja ċċaqlaqna" mill-fidi tagħna fi Kristu u mill-imħabba tagħna għall-Knisja. Dan ismu mifrux nsibuh f'xi tletin oħra matul iż-żminijiet li l-Knisja tellgħethomlna għall-qima tal-artali.

Minħabba l-*George Cross*, hemm gzuz ta' bolli Maltin fejn il-qaddis jidher – anki jekk forsi fiċ-ċokon. Mill-bosta li jifdal, għażilt waħda mis-sett maħruġ għall-okkażjoni tas-sbatax-il seklu mill-martirju fl-2003: Joseph Mizzi għażel ħames pitturi biex tintwera l-mixja tal-kult. Hawn għandna enfasi fuq it-tarka (bis-"salib ta' San Ġorġ"), mill-opra ta' Francesco Potenzano (artist Sqalli tal-aħħar tas-seklu sittax) li kienet fil-kappella t'Aragona ta' San Ġwann sa meta tfaċċa Preti b'tiegħu.




## San Ġlormu

Imwieled fid-Dalmazja (fil-Kroazja tal-lum) minn ġenituri Nsara, sa minn ċkunitu Ġlormu – Hieronymos bil-Grieg – wera ġibda għat-tagħlim imma għadda żgħożija vvizzjata. Meta tgħammed qatagħha li jibdel ħajtu u, kontra r-rieda tal-ġenituri tiegħu, daħal f'monasteru fejn l-isqof ta' Antjokja ordnah saċerdot. Imsejjaħ Ruma, dan l-isqof ħa 'l Ġlormu miegħu u l-Papa Damasu żammu b'segretarju tiegħu. Ingħata wkoll għat-tagħlim tal-Iskritttura; kalunnji ġagħluh iħalli Ruma: mar l-Art Imqaddsa u bena monasteru f'Betlehem bid-donazzjonijiet. Hemm qatta' l-bqija ta' ħajtu fl-istudju tal-Bibbja, id-difiża tad-duttrina Kattolika kontra l-ereżiji, it-talb u l-qadi tal-fqar. Miet fl-1420, imnikket għat-tiġrib li minnu kienet għaddejja l-Knisja. Ħallielna bosta kitbiet u tagħlim, fosthom li "min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu". Allura magħdud bħala patrun tal-istudjużi b'mod ġenerali u anki tal-arkeologi u l-biblijotekarji. Il-Knisja tfakkru fil-liturġija fit-30 ta' Settembru. Minħabba l-popolarità ta' dad-duttur, hemm almenu għaxar qaddisin oħra li għandhom ismu! Il-Papa Benedittu XVI ddedikalu l-Udjenza tal-14 ta' Novembru 2007.

Din il-bolla, f'sett tal-1970 fl-okkażjoni ta' wirja kbira tal-Kunsill tal-Ewropa fostna, turi parti imprezzabbli mill-wirt nazzjonali. It-tila oriġinali hi xogħol artist fost l-iprem nett li ħadmu f'pajjiżna: Caravaggio. Michelangelo Merisi da Caravaggio (għax imwieled f'dar-raħal qrib Milan fl-1571) kellu sehem importanti fl-iżvilupp tal-Barokk. Ġie Malta fl-1607 u l-Kavallieri kkummissjonawlu kemm dan il-kwadru u kemm id-Dekollazzjoni (Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann): it-tnejn nistgħu nammirawhom fil-Kon-Katidral u t-tnejn intużaw ukoll mill-Posta biex jitfakkar ir-raba' ċentinarju fl-2007.



## Il-Profeta Ġoel

Għas-sett tal-Milied tal-1992 intgħażlu xogħlijiet ta' Ġużeppi Calì: episodji miċ-ċiklu ta' taħt il-koppla tal-Mosta – bil-profeti b'kollox. Anzi hemm studjużi li tolqothom speċjalment il-versatilità f'dawn tal-aħħar. F'din il-bolla hemm inklużi, allura, kemm xena tat-tfajjel Ġesù jiddisputa mad-dutturi u kemm Ġoel.

Dan hu magħdud bħala wieħed mill-Profeti "żgħar" (għax il-ktieb fil-Bibbja hu pjuttost qasir); l-istudjużi ma jaqblux f'liema perijodu eżattament għex iżda donnhom li l-maġġoranza jxaqilbu lejn il-ħames seklu qabel Kristu. Ismu x'aktarx sempliċement jirreferi għall-fatt li jadura 'l Alla.

Jibda bid-diżgrazzja ta' invażjoni tal-ġurati u jisħaq fuq il-bżonn tal-indiema biex ma jaslux miżerji eħrex. Imbagħad iħabbar il-Jum meta l-bnedmin kollha għad jagħrfu lill-Mulej. Jikkonkludi bil-Ġudizzju u t-tixrid straordinarju tal-Ispirtu li jġedded kollox. Minħabba f'dal-punt, Ġoel jissejjaħ "tal-Pentekoste"; jikkwotawh San Pietru (fl-Atti tal-Appostli) u San Pawl (fl-ittra lir-Rumani). Kważi l-ktieb kollu jintuża fil-liturġija, b'siltiet fil-Quddies u l-Uffizzju. Il-Martiroloġju Ruman (li nistgħu nsejħulu l-kalendarju tal-Knisja latina) beda jġibu fid-19 t'Ottubru, bħal ma hu mfakkar fl-Ivant.

(*Gozo Philatelic Society* – secretary@stamps-gozo.org bl-għajnuna ta' Mons Ġużeppi Farrugia)